MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 562/2010

**Malcolm Mallia, Mario Mallia u Pauline Mallia**

**Vs**

**Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u b'digriet tad-19 ta' Marzu 2011 il-qorti awtorizzat l-intervent fil-kawza ta' Kenneth Bartolo, Frances Bartolo, Keith Bartolo, Neal Bartolo, Mary Buttigieg, Joseph Buttigieg, Anonio sive Anthony Bonnici, Mary Lourdes Bonnici, Rose Mifsud, Sharon Mifsud, Albert Mifsud, Leonard Farrugia, David Farrugia, Mary Anne Farrugia, Victoria Farrugia, Christina Maria Farrugia, Jean Paul Farrugia, John Farrugia, Natalino Agius, Karl Joseph Mifsud Cremona, Jacqueline Mifsud Cremona, Jean Claude Cardona, Joseph Bonello, Marcelline Bonello, Francis Micallef, Ingrid Micallef, Anthony Demarco, Marie Therese Demarco, Elias**

**Cassar, Stefan Cassar, Marjoe Cassar, Ivan Paul Cassar, Josephine Cassar, Nazzareno Meli, Josephine Azzopardi, Richard Azzopardi, Denise Borg, Marco Seifert, Andrew Tonna, Maria Tonna, Adrian Tonna, John Rizzo Naudi, Mary Ann Scerri, Helen Galea, Amabile Galea, Vincent Calleja, Antonia Said, Anna Borg Cardona, Adrian Borg Cardona, Bettina Borg Cardona, David Tanti, Christine Tanti, Carmel Cardona, Henry Depasquale, Maria Annunziata Depasquale, Arthur Caruana, Marika Caruana, Joseph Falzon, Josephine Mifsud, Vincent Mifsud, Daniel Patrick Grixti Soler, Anne Odette Grixti Soler, Patrick Grixti Soler, Mark Gauci, Marisa Gauci, Beatrix Muscat, Henry Cassar, David Muscat, Philip Borg, Josephine Portelli, Victoria Borg, Henry Abela, Alexander Chircop, Claire Chircop, Eileen Zammit Maempel, George Zammit Maempel, Ivan Pace Moore, Michelle Pace Moore, Ian Riley, Henry Riley, Mary Carmen Spiteri, Joseph Spiteri, Denise Camenzuli, James Camenzuli, Edwin Borg, Sandro Zammit, Claudette Zammit, Rev. Vincent Borg, Concetta Dolores Borg u Mary Anne Borg**.

Illum il-Gimgha, 6 ta' Lulju 2012.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-2 ta' Gunju 2010, l-atturi ppremettew:-

Illi l-atturi Mario u Pauline Mallia huma proprjetarji ta' sit li jinsab fi Triq San Frangisk/ Triq San Gabriel, Balzan liema sit ghadu mhux zviluppat. Malcolm Mallia huwa iben l-istess Mario Mallia;

Fis-sena 2004 l-atturi bl-ghajnuna tal-Perit taghhom isottomettew applikazzjoni f'isem Malcolm Mallia li huwa l-izviluppatur tal-progett, ghal permess ta' zvilupp bin-numru 6858/04 koncernanti s-sit hawn fuq imsemmi, liema applikazzjoni kienet tiproponi s-segwenti: *'Construction of Apartments with underlying garages'*;

Illi ghalkemm fiz-zmien li dahlet l-applikazzjoni s-sit in kwistjoni kien ghadu ma giex definittivament 'zoned' ghall-

izvilupp propost fil-Pjan lokali, effettivament dan is-sit sa min Lulju, 2006 gie indikat fil-Pjan Lokali kif approvat mill-Parlament f'Awwissu, 2006 bhala sit li fih jista' jsir l-izvilupp li kien qed jigi propost mir-rikorrenti fl-applikazzjoni ta' zvilupp bin-numru PA 6858/04. Il-Pjan Lokali kif approvat indika s-sit kollu bhala 'terraced house zoning';

Illi nonostante l-fatt mhux kontestat li dan is-sit jinsab fil-pjan Lokali u legalment l-izvilupp propost kellu jigi approvat minghajr ebda problemi sa minn Awissu ta' l-2006, sa minn dak iz-zmien l-Awtorita' b'abbuz serju tal-poteri taghha dejjem rat kif taghmel biex iggib kwalunkwe skuza immaginabbli sabiex ittawwal il-proceduri relatati ma' din l-applikazzjoni u b'hekk ma jkunx hemm decizjoni finali favur l-atturi;

Finalment kien biss xhur wara li l-atturi sahansitra kellhom jipprezentaw rikors guramentat kontra l-Awortita' quddiem din l-Onorabbli Qorti li jgib in-numru 470/2009RCP u l-istess Awtorita' giet mwiddba mill-Imhallef sedenti l-Onor. Mhallef Dr. Ray Pace sabiex tappunta l-istess applikazzjoni ghas-smiegh, illi l-Awtorita' tellghet l-applikazzjoni ghas-smiegh u minghajr ebda bazi legali u sahansitra kontra l-istess rakomandazzjoni tad-Direttorat taghha sabiex tapprova l-applikazzjoni, l-Awtorita' rrifjutat l-istess applikazzjoni. Din l-applikazzjoni llum tinstab fi stadju ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appell liema appell igib in-numru 182/09 u jinsab differit ghat- 2 ta' Gunju 2010;

Qabel ma giet rifjutata l-applikazzjoni da parti ta' l-Aworita' saret ukoll talba mill-atturi sabiex l-istess applikazzjoni tigi approvata bl-applikazzjoni tal-artikolu 36 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta cioe' bhala 'deemed approval'. L-Awtorita' wkoll b'mod abbusiv u illegali rrifjutat li taghmel dan u konsegwenza ta' hekk kellu jigi prezentat rikors guramentat iehor bin-numru 469/2009GCD li jinsab differit ghad-decizjoni preliminari quddiem l-Onorevoli Mhallef Dr. Giannino Caruana Demajo;

Fil-mori ta’ l-applikazzjoni kien gie wkoll anness fl-atti ta’ l-applikazzjoni numru 6858/04 rapport ta’ l-Awditur tal-MEPA li fil-konkluzjoni tieghu kien jaghmila cara li bil-Pjan Lokali kif inhu fil-prezent, l-applikazzjoni tal-atturi ma setghetx tigi rrifjutata u l-unika mezz kien li l-Awtorita’ tistenna li jghaddu zmien sentejn mill-approvazjoni tal-Pjan Lokali u b’xi mod tipprova taltera jew tbiddel l-istess Pjan Lokali. Il-validita’ ta’ dan ir-rapport u l-legalita` ta’ l-ordni da parti ta’ l-Awditur li dan jigi inkluz fl-atti tal-applikazzjoni tal-atturi wkoll qed tigi kontestata minnhom.

Wara li giet rifjutata l-applikazzjoni f’Gunju tas-sena 2009, harget cara ir-raguni tad-dewmien bla bazi da parti ta’ l-Awtorita’ ghaliex fl-istess granet u biss b’kumbinazzjoni, l-atturi saru jafu minn terzi bl-intenzjoni tal-Awtorita’ li tvarja abbusivament il-Pjan Lokali applikabbli ghas-sit proprjeta’ taghhom u dan permezz tal- ‘PC application 63/09’ li ghaliha saret referenza aktar il-fuq, liema PC application giet istigata u hija principalment ibbazata fuq ir-rapport abbusiv ta’ l-Awditur hawn fuq imsemmi. Meta finalment, l-atturi saru jafu bl-intenzjoni tal-Awtorita’ li tvarja il-Pjan Lokali limitatament ghas-sit proprjeta’ taghhom u xejn aktar, irrizulta wkoll li l-procedura uzata mill-Awtorita’ fil-PC application in kwistjoni kienet wahda illegali u abbusiva ghall-ahhar u tippekka ghal bosta ragunijiet kif ser jigi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawza;

Apparti bosta omissjonijiet ta’ procedura, il-PC application in kwistjoni tippekka fil-validita’ taghha stante li filwaqt fil-pubblikazzjoni u l-avvizi originali **parti biss** mis-sit kien qed jigi indikat bhala inkluz fil- ‘PC application’, fl-ahhar rapport giet inkluza wkoll parti ohra mis-sit b’rizultat li zgur ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni pubblika fuq dik il-parti li giet inkluza biss fi stadju tar-rapport. Dan ukoll jikkostitwixxi abbuz car tal-poteri ta’ l-Awtorita’;

F’kaz li l-Awtorita’ tipprocedi sabiex tvarja l-Pjan Lokali filwaqt li r-rikorsi guramentati hawn fuq indikati jkunu ghadhom pendenti quddiem il-Qorti kif ukoll l-appell kontra r-rifjut ta’ l-applikazzjoni wkoll ghadu pendenti, id-drittijiet tar-rikorrenti fosthom id-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq jigu serjament pregudikati;

Illi wkoll f'kaz li l-Awtorita tiprocedi bil-PC application in kwistjoni kif imsejsa ai termini tar-rapport ta' l-Awditur li l-atturi jikkontendu n-nullita tieghu specjalment l-mod abbusiv kif dan gie inserit fl-applikazzjoni ta' zvilupp taghhom, id-drittijiet tal-atturi jigu wkoll serjament pregudikati.

L-agir ta' l-Awtorita' li akkost ta' kollox trid tvarja l-Pjan Lokali kif approvat ghas-sit proprjeta' tal-atturi huwa wkoll bi ksur tad-dritt fundamentali ghall-proprjeta' tar-atturi.
Din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat 17 ta' Mejju, 2010 laqghet mandat ta' inibizzjoni bin-numru 713/2010/01JA fejn l-Awtorita' giet mizmuma milli tkompli, tipprocedi, timplimenta jew b'xi mod iehor tiehu xi decizjoni fuq il-proposta kontenuta fil-'PC application' bin-numru 63/09 jew fi kwalunkwe kaz tkompli, tipprocedi, timplimenta jew b'xi mod iehor tiehu xi decizjoni fuq il-proposta li jinbidel bi kwalunkwe mod il-Pjan Lokali kif applikabbli ghas-sit proprjeta' tar-rikorrenti koncernat fl-applikazzjoni ta' zvilupp bin-numru PA 6858/04 jew fi kwalunkwe kaz milli b'xi mod taltera jew tvarja l-Pjan Lokali applikabbli ghas-sit indikat kif approvat mill-Parlament fis-sena 2006 u konsegwentement ippubblikat fl-istess sena 2006 (kopja annessa dok. PM1);

Din is-sentenza tittratta l-ewwel erbgha eccezzjonijiet li nghataw mill-Awtorita konvenuta li jissemmew hawn taht.

Il-qorti rat l-atti kollha inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet u semghet ukoll trattatazzjoni tad-difensuri.

Il-kawza titratta dwar PC application bin-numru 63/2009 li l-ghan taghha hu li jwassal ghal tibdil ta' parti mill-Central Malta Local Plan (2006). Dan it-tibdil, jekk isehh, ser jolqot il-proprjeta tal-atturi. F'ittra datata 29 ta' Marzu 2010 mibghuta mill-Awtorita lill-attur Mario Mallia jinghad:-

*"The objective of this review is to revise the designation of the site from Residential Area as regulated by Central Malta Local Plan Policy CG07 and with a building height limitation of 3 floors with semi-basement, to a Residential*

*Priority Area regulated by Central Malta Local Plan Policy CG08 for detached and semi-detached dwellings and with a building height limitation of 2 floors without semi-basement."*[1].

L-intervenuti fil-kawza qeghdin isostnu li dak li gara kien rizultat ta' zball fl-istadju tal-process tal-Local Plan tal-2006, fis-sens li l-art giet immarkata tajba ghall-izvilupp ta' terraced houses filwaqt li sa minn qabel kienet immarkata ghall-bini ta' vilel. Zball li jghidu li ttiehed meta l-ufficjali tal-Awtorita ezaminaw il-pjanti[2]. Dan l-allegat zball ma jissemmix fir-rapport li hejja l-case officer tal-Awtorita konvenuta[3].

Jirrizulta li f'xi zmien matul is-sena 2004, Malcolm Mallia kien ipprezenta applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp (6858/04), biex fuq is-sit jibni appartament u garaxxijiet. L-applikazzjoni kienet giet rifjutata u hemm appell pendenti.

Il-process ta' tibdil tal-pjan lokali jinsab wieqaf wara li b'digriet moghti fis-17 ta' Mejju 2010 fir-rikors **Malcolm Mallia et vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (713/2010) il-qorti laqghet talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex l-Awtorita tigi inibita milli tkompli bil-process li twassal ghal decizjoni dwar l-applikazzjoni PC 63/09.

It-talbiet tal-atturi jaqraw hekk:-

*"1. Tiddikjara u tiddeciedi ili l-procedura mehuda mill-Awtorita ta' l-Ambjent u Ippjanar sabiex tvarja l-Pjan Lokali kif approvat fis-sena 2006 u applikabbli sal-lum il-gurnata fuq is-sit proprjeta tar-rikorrenti u koncernat fl-applikazzjoni ta' zvilupp PA 6858/04, fostho il-PC Application 63/09, tippekka fil-validita taghha u ghaldaqstant tiddikjara l-istess procedura bhala nulla u bla effett fil-Ligi;*

---

[1] Fol. 38. Madankollu fir-rapport tal-case officer qieghed jigi propost li l-izvilupp li jkun jista' jsir hu ta' djar b'zewg sulari b'semi basement.
[2] Ara rikors prezentat fit-8 ta' Novembru 2010 8fol. 93).
[3] Fol. 58 sa 70.

*2. Tiddikjara u tiddeciedi li fil-proceduri, decizjoni u atti mehuda mill-Awtorita' intimata fl-attenta li hija tvarja l-Pjan Lokali kif approvat fis-sena 2006 u applikabbli sal-lum il-gurnata fuq is-sit proprjeta tar-rikorrenti u koncernat fl-applikazzjoni ta' zvilupp PA 6858/04 l-Awtorita qed tmur oltre l-poteri taghha fil-ligi u ghaldaqstant qed tagixxi ultra vires il-poteri taghha;*
*3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atti ta' l-Awtorita intimata kif diretti lejn is-sit proprjeta tar-rikorrenti u koncernat fl-applikazzjoni ta' zvilupp PA6858/04 jiksru d-dritt ta' proprjeta tar-rikorrenti u dan ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta fosthom l-artikolu 39 kif ukoll l-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta Malta);*
*4. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-decizjonijiet kollha mehuda mill-Awtorita' intimata wara l-inseriment abbusiv tar-rapport ta' l-Awditur fl-atti tal-applikazzjoni ta' zvilupp bin-numru PA 6858/04 huma bi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq tar-rikorrenti ai termini ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 l-1 Skeda Artikolu 6) u ghaldaqstant nulli u bla effett fil-Ligi;*
*5. Fi kwalunkwe kaz tiddikjara u tiddeciedi ili l-atti ta' l-Awtorita intimata sabiex hija tvarja l-Pjan Lokali kif approvat fis-sena 2006 u applikabbli sal-lum il-gurnata fuq is-sit proprjeta tar-rikorrenti u koncernat fl-applikazzjoni ta' zvilupp PA6858/04 pendenti r-Rikors Guramentat numru 470/2009RCP, r-Rikors Guramentat numru 469/2009GCD u l-appell u quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar bin-numru 182/09 relatat ma' l-applikazzjoni ta' zvilupp numru PA 6858/04 huma kollha bi ksur ghal smiegh xireaq tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 l-1 Skeda Artikolu 6) u per conseguenza huma lkoll nulli u bla effett fil-ligi;*
*6. Fi kwalunkwe kaz tiddikjara u tiddeciedi illi l-Awtorita' intimata ma tistax tiehu l-ebda atti, proceduri jew decizjoni sabiex tvarja l-Pjan Lokali kif approvat fis-sena 2006 u applikabbli sal-lum il-gurnata fuq is-sit proprjeta tar-rikorrenti u koncernat fl-applikazzjoni ta' zvilupp PA 6858/04 sakemm r-Rikors Guramentat numru 470/2009 RCP, r-Rikors Guramentat numru 469/2009 GCD u l-*

*proceduri ta' appell koncernanti l-applikazzjoni ta' zvilupp PA 6858/04 jigu finalment decizi u jsiru res judicata nkluz kwalunkwe proceduri ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell;"*.

Il-qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-eccezzjonijiet preliminari:-

1. **Il-qorti m'ghandix il-kompetenza fuq il-materja odjerna peress li l-Kap. 356 hu car fis-sens li preparazzjoni, emendi u approvazzjoni tal-pjan lokali huma responsabbilta esklussiva tal-Awtorita konvenuta, u l-qrati ma jistghux jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom**.

Wiehed irid jara x'inhuma l-ilmenti tal-atturi:-

i. Il-procedura li l-Awtorita qeghda tiehu biex jinbidel il-Pjan Lokali kif approvat fis-sena 2006 ***"tippekka fil-validita taghha"*** u ghalhekk hi nulla. L-ilment hu spjegat f'paragrafu numru 9 tar-rikors guramentat, fis-sens li *".....filwaqt fil-pubblikazzjoni u l-avvizi originali parti biss mis-sit tar-rikorrenti kien qed jigi indikat bhala inkluz fil-PC application, fl-ahhar rapport giet inkluza wkoll parti ohra mis-sit tar-rikorrenti b'rizultat li zgur ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni pubblika fuq dik il-parti li giet inkluza biss fi stadju tar-rapport. Dan ukoll jikkostitwixxi abbuz car tal-poteri ta' l-Awtorita intimata."*. Mela f'dan il-kaz l-atturi qeghdin jilmentaw mill-fatt li t-tibdil ser ikun jolqot porzjon ikbar art minn dik li dwarha kellha ssir ir-revizjoni skond l-avviz datat 29 ta' Marzu 2010 u l-pjanta annessa[4]. Jirrizulta li lejn l-ahhar ta' April 2010 intbaghat avviz lill-perit li qieghed jassisti lill-applikant fejn infurmawh: *"We enclose a copy of the Planning Control Application Report (PCAR) prepared by the Planning Directorate for the above mentioned application. This report contains the reccommendations made by the Directorate on this application. You are invited to make a written submission on the contents of the PCAR, if you so wish."*. Meta taghmel paragun bejn il-pjanta annessa mal-ittra tad-29

[4] Ara fol. 38-39.

ta' Marzu 2010 u dik li tifforma parti mir-rapport, hu evidenti li dak li qieghed jissejjah bhala *"Partial Review of the Central Malta Malta Local Plan to change the zoning conditions and building height limitation of a site."*, ikun jinkludi iktar art minn dak originarjament indikat.

ii. Fil-proceduri, decizjonijiet li qeghda tiehu l-Awtorita tal-Ippjanar biex tvarja l-Pjan Lokali tal-2006, *"...qed tmur oltre l-poteri taghha fil-ligi u ghadaqstant qed tagixxi ultra vires il-poteri taghha."*[5]. Minn qari tar-rikors guramentat, il-qorti tifhem li l-ezitu ta' din it-talba jiddependi mill-fatt dwar jekk jistax jinbeda process ghal varjazzjoni ta' pjan lokali gialadarba hemm l-applikazzjoni numru: 6858/04. Jidher li t-tezi tal-Awtorita hi li jekk il-Pjan Lokali jinbidel, allura l-applikazzjoni tal-atturi (6858/04) trid tigi kkunsidrata taht il-pjan lokali kif emendata. Ifisser li f'dak l-istadju fis-site tal-atturi zgur li ma jkunx jista' jsir il-progett kif mahsub fl-applikazzjoni 6858/04. Il-mistoqsija hi jekk l-Awtorita konvenuta hijiex tagixxi *ultra vires* f'dak li qeghda taghmel biex tvarja l-pjan lokali, minkejja li hemm applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp u fil-prezent japplikaw policies li huma iktar favorevoli ghall-applikant fis-sens li jista' jsir iktar zvilupp minn dak li jkun jista' jsir jekk jigi adottat il-pjan rivedut ? F'dan kollu l-atturi jsostnu li l-Awtorita qeghda tagixxi kontra l-ligi.

Il-qorti m'ghandix dubju li permezz ta' dawn it-talbiet l-atturi jridu li jsir stharrig amministrattiv tal-eghmil tal-Awtorita konvenuta. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li l-atturi qeghdin jistiednu lill-qorti biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ma' dik tal-Awtorita. M'hemmx dubju li skond il-Kap. 356[6] hi l-Awtorita konvenuta u l-Ministru li ghandhom il-poter li jhejju jew jirrevedu pjan sussidjarju. Madankollu, hu ovvju wkoll li f'dan l-ezercizzju l-Awtorita xorta tibqa' suxxettibbli li tigi ssindakata mill-qorti ghal mod kif tipprocedi u biex jigi accertat jekk tkun agixxiet ultra vires ovvjament a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 469(A)(b) tal-Kap. 12.

---

[5] Tieni talba.
[6] Illum Kap. 504.

Sahansitra mbaghad l-atturi qeghdin jilmentaw ukoll minn ksur tad-drittijiet fundamentali in kwantu jippretendu li dak li qieghed isir, jikser:-

i. Il-jedd ghat-tgawdija tal-proprjeta taghhom;
ii. Il-jedd ghal smiegh xieraq:-
(a) In kwantu fil-process tal-applikazzjoni 6858/04 iddahhal rapport li ghamel l-awditur;
(b) B'dak li ghamlet l-Awtorita sabiex jinbidel il-Pjan Lokali 2006;

Ghalhekk l-atturi qeghdin jitolbu li jigi dikjarat li dak li ghamlet l-Awtorita f'dan ir-rigward, cjoe' application PC 63/09, **hu null u minghajr ebda effett**.

Talba ohra hi sabiex il-qorti tiddikjara li sakemm tinghata decizjoni fil-kawzi 469/2009GCD[7], 470/2009RCP, u l-applikazzjoni numru 6858/04 jigu decizi b'mod finali, l-Awtorita ma tista tiehu l-ebda atti, proceduri jew decizjoni biex tvarja l-Pjan Lokali. Jidher li din it-talba saret b'mod sussidjarju tant li tibda bil-kliem: *"Fi kwalunkwe kaz tiddikjara u tiddeciedi illi l-Awtorita' intimata ma tistax.........".* Mir-rikors guramentat jidher li din it-talba qeghda ssir bhala rimedju alternattiv in kwantu jsostnu li t-tibdil fil-pendenza tal-proceduri jwassal ghal ksur ta' smiegh xieraq.

Ghalhekk hu altru milli evidenti li l-atturi m'humiex jippretendu li l-qorti tezercita xi diskrezzjoni li l-Awtorita ghandha skond il-ligi, imma qeghdin jimpunjaw dak li ghamlet u qeghda taghmel fil-process li nediet biex tvajra l-pjan lokali tal-2006. Dan ma jistax jinghad li jaqa' taht il-parametri tal-eccezzjoni kif proposta mill-Awtorita konvenuta.

Din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

2. **<u>L-azzjoni attrici hi perenta skond l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**.

[7] Kawza li llum hi res judicata wara sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju 2011 u li nqatghet favur l-Awtorita konvenuta.

Din l-eccezzjoni tista' tirreferi biss ghat-talbiet numru 1-2 tar-rikors guramentat, in kwantu fit-talbiet l-ohra l-atturi qeghdin jilmentaw minn lezjoni ta' drittijiet fundamentali.

Il-qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni m'ghandix mis-sewwa meta tqies li:-

i. Kien biss bl-ittra tad-29 ta' Marzu 2010 li l-attur gie formalment infurmat mill-Awtorita konvenuta li ser isir process ghar-revizjoni tal-pjan lokali, u gie mistieden sabiex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu. Kienet l-Awtorita stess li ghazlet il-mezz li bih ghandha tgharraf lil Mario Mallia, proprjetarju tal-art, b'dak li behsiebha taghmel. Dan wara kollox kif titlob il-ligi fi proceduri ghal pjan sussidjarju. Fil-fehma tal-qorti l-fatt li l-applikazzjoni PC 63/2009 saret fis-sena 2009 u sahansitra fil-21 ta' Awwissu 2009 il-perit ta' fiducja tal-atturi baghat ittra bir-ragunijiet ghalfejn ma ghandux issehh tibdil fil-Pjan Lokali tal-2006, hu rrilevanti.

ii. Sa ftit granet qabel giet prezentata l-kawza (2 ta' Gunju 2010) il-process kien ghadu ghaddej u waqaf biss wara l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni 713/2010. Hu evidenti li l-process hu *an ongoing process*. Wiehed ma jistax iqies xi incident partikolari, imma jrid jara l-process shih. Hekk per ezempju l-ilment tal-atturi li fl-ezercizzju li qieghed isir mill-Awtorita konvenuta giet inkluza iktar art milli originarjament gie dikjarat li ser tolqot ir-revizjoni. Fatt li hareg fil-berah meta ntbaghatet kopja tar-rapport tal-case officer lil Mallia, ftit gimghat qabel giet prezentata l-kawza.

Dan apparti l-fatt li t-talbiet numru 3 sa 5 jirrelataw ghall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li ghalihom ma japplikax l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12, u ghalhekk mhux milquta mill-provvediment li qeghda tinvoka l-Awtorita.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

3. **<u>In-nullita tal-azzjoni ghaliex ma taqax taht xi wiehed mill-aggravji tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12</u>**.

Eccezzjoni li hi minghajr bazi meqjus dak li diga' nghad f'din is-sentenza b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni.

L-Awtorita ssostni li mill-provvediment rilevanti, hu evidenti li r-rwol taghha hu biss ta' rakkomandazzjoni u xejn iktar. L-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jipprovdi li:- ***"eghmil amministrattiv" tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika."***.

Fl-ittra datata 29 ta' Marzu 2010, l-Awtorita nfurmat lil Mario Mallia li:-

*"The Malta Environment and Planning Authority (MEPA) would like to bring to your attention that **<u>it intends to formulate a partial review of the Central Malta Local Plan (2006)</u>** related to the site located at St. Francis c/w St. Gabriel Street, Balzan and as indicated in the attached site plan."*[8].

Hu evidenti li l-Awtorita ddecidiet li tibda l-process biex jigi emendat il-pjan lokali.
Minn dan id-dokument m'hemmx dubju li l-process inbeda fuq inizjattiva tal-Awtorita u dan il-process jista' jwassal biex finalment l-Awtorita *"**tadotta** l-pjan jew policy sussidjarji"*[9]. Hu veru li dan l-ezercizzju jehtieg l-approvazzjoni finali tal-Ministru kkoncernat, u l-ahhar kelma hi tieghu. Madankollu, fil-fehma tal-qorti dan ma jfissirx li f'dan il-process l-Awtorita ma tkunx qeghda tiehu posizzjoni li fiha nnifisha hi decizjoni u li biex tasal ghaliha trid fl-ewwel lok issegwi l-procedura kontemplata mil-ligi, fosthom il-konsultazzjoni pubblika. L-adozzjoni tal-pjan jew policy sussidjarji hi fiha nnifisha decizjoni, li pero trid tigi konfermata mill-Ministru.

Din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

---

[8] Fol. 38.
[9] Artikolu 27 tal-Kap. 356 u llum Artikolu 58 tal-Kap. 504.

4. **B'applikazzjoni tal-Artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 il-qorti m'ghandix tisma' dan il-kaz**.

Dan il-provvediment jaqra hekk:-

*"(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra."*.

Il-qorti ma tifhimx x'tippretendi l-Awtorita li l-atturi kellhom jaghmlu qabel jaghmlu din il-kawza. Huma qeghdin jilmentaw mid-decizjoni li hadet l-Awtorita biex tibda process ghar-revizjoni tal-Pjan Lokali u mill-process innifsu li kien ghaddej qabel il-inhareg il-mandat ta' inibizzjoni numru 713/2010. Il-Kap. 356 (illum Kap. 504) ma joffri l-ebda rimedju biex ilment simili jigi ndirizzat. Dan apparti l-fatt li l-kawza fiha wkoll kwistjonijiet relatati ma' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad l-ewwel erbgha (4) eccezzjonijiet tal-Awtorita konvenuta u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------